# Fil-Qorti Tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' nhar l-Erbgha 1 ta' Gunju 2016.

Libell Nru 5/13

**L-Onorevoli Tonio Fenech**
**(ID 200669M)**
vs

**Dr Christian Cardona**
**(ID 364572M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Dr Christian Cardona minn Tonio Fenech, dak iz-zmien Ministru, fejn l-istess Dr Christian Cardona gie akkuzat:

1. Talli, matul il-progrtamm televisiz TVAM illi xxandar fuq l-istazzjoni televisiv TVM nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2013, madwar is-sebgha ta' filghodu (07.00am), bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh tal-Onor Tonio Fenech, weggajtu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, partikolarment billi allegajt illi l-imsemmi Onor Tonio Fenech ircieva minghand George Farrugia arlogg bil-valut ta' hamest elef Euro (€5,000) u di piu li din l-informazzjoni harget mill-istatement moghti mill-istess George Farrugia fl-investigazzjoni li wasslet biex tinghata proklama lil George Farrugia hawn indikat, u dan bi ksur tal-Artikolu 252 (1) tal-Kodici Kriminali (Kap 9)
2. Talli, matul il-progrtamm televisiz TVAM illi xxandar fuq l-istazzjoni televisiv TVM nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2013, madwar is-sebgha ta' filghodu (07.00am), b'xi mezz imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Att dwar l-Istampa, partikolarment billi allegajt illi l-imsemmi Onor Tonio Fenech ircieva minghand George Farrugia arlogg bil-valut ta' hamest elef Euro (€5,000) u di piu li din l-informazzjoni harget mill-istatement moghti mill-istess George Farrugia fl-investigazzjoni li wasslet biex tinghata proklama lil George Farrugia hawn indikat, u dan bi ksur tal-Artikolu 11 tal-Att dwar l-Istampa (Kap 248)

Rat il-kwerela mibghuta lill-kwerelant Tonio Fenech fit 22 ta' Frar 2013 (fol 4).

Rat illi fil 21 ta' Marzu 2013, deher l-Avukat tal-kwerelat, ossija Dr Stefan Zrinzo Azzopardi, illi gharraf il-Qorti illi l-akkuzat Dr Christian Cardona kien impenjat f'impenji ministerjali u ghalhekk talab differiment, mhux oppost.

Semghet ix-xhieda ta' **Tonio Fenech** moghtija fis-16 ta' Mejju 2013.

Ra it-traskrizzjoni u d-DVD tal-programm imxandar fuq TVAM fit 22 ta' Frar 2013 fejn intqal il-kliem illi dwaru hassu malafamat l-kwerelant Tonio Fenech, liema traskrizzjoni giet ippresentata mill kwerelant stess.

Semghet ix-xhieda ta' **John Rizzo**, Kummissarju tal-Pulizija fiz-zmien meta kien hemm it-trasmissjoni televisiva, moghtija fis-16 ta' Mejju 2013.

Semghet is-xhieda ta' **Dr Simon Manicaro**, rappresentant tal-Broadcastin Authority, u rat id-DVD minnu esebit.

Semghet ix-xhieda ta' **George Farrugia** moghtija fis 16 ta' Mejju 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Ines Farrugia** moghtija fis 16 ta' Mejju 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Kurt Farrugia** moghtija fil 5 ta' Marzu 2014.

Rat illi fil 5 ta' Marzu 2014 il-Prosekuzzjoni ddikkarat il-provi taghha bhala maghluqa.

Semghet ix-xhieda tal-kwerelat akkuzat **Dr Chris Cardona** moghtija fit 22 ta' Ottubru 2014.

Rat illi fid 19 ta' Novembru 2014, id-difiza ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Rat illi, peress illi dina l-kawza kienet miexja flimkien ma' kawza ohra fl-ismijiet Toni Fenech vs Evarist Bartolo illi kienet tirrigwarda l-istess meritu, bejn it-28 ta' Jannar 2015 u it-13 ta' Jannar 2016 saru tmien seduti illi fih il-kawza l-ohra kienet ghadha mhux fi stat illi tmur ghas-sentenza.

Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit 13 ta' Jannar 2016, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fl-Elezzjoni Generali tas-sena 2013, wahda mit-temi principali illi kienu qed jigu diskussi dak iz-zmien kien il-kaz ta' l-hekk imsejjah "skandlu taz-zejt" illi kien hareg fil-pubbliku ftit gimghat qabel, waqt illi kienet ghaddejja il-kampanja elettorali.

Jirrizulta illi fit-22 ta' Frar 2013, fuq il-program televisiv TVAM li kien jittella filghodu fuq l-istazzjoni nazzjonali TVM u li kien immexxi minn Pierre Portelli u Dr Joseph Mifsud (illum Magistrat) w il-mistednin tal-programm kienu Tonio Fenech, dak iz-zmien Ministru tal-Energija, u Dr Chris Cardona, dak iz-zmien fl-opposizzjoni.

Jirrizulta illi dakinhar, waqt il-programm, Dr Chris Cardona kien ghamel referenza ghall Konferenza Stampa illi kien ghamel il-Partit Laburista il-gurnata ta' qabel (u li hu l-meritu tal-kawza Tonio Fenech vs Evarist Bartolo li qed tigi deciza llum stess), fejn kien gie allegat illi Tonio Fenech, meta kien Ministru tal-Energija, kien ircieva minghand certa George Farrugia, arlogg Malti maghruf bhala 'Arlogg tal-Lira', u dana b'rigal, liema arlogg kien jiswa mal hamest elef Euro.

Jirrizulta illi dana George Farrugia kien attwalment il-persuna illi kienet direttament involuta fl-iskandlu taz-zejt fuq imsemmi u li kien inghata il-Mahfra Presidenzjali fuq parir tal-Prim Ministru ta' dak iz-zmien sabiex jghin fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija f'dana l-iskandlu kif ukoll sabiex

jixhed fil-konfront ta' persuni illi kienu involut fl-istess skandlu minghajr ma jinkrimina ruhu stante illi passi kriminali kontra tieghu ma kienux ser jittiehdu.

Jirrizulta illi l-istess Dr Chris Cardona, tul il-program televisiv, (illi tieghu hemm kopja tar-registrazzjoni esebita kif ukoll traskrizzjoni tal-parti relevanti tal-programm, kif esebit mill-kwerelant stess a fol 9 sa 13) f'diversi okkazzjonijiet allega illi Tonio Fenech kien ircieva rigal minghand George Fenech, liema rigal kien arlogg li jiddendel u "illi ghandu l-ekwivalenti ta' 5,000 Euro iktar jew inqas ma nafx."

Jirrizulta wkoll illi l-istess Dr Chris Cardona sahaq illi dina l-informazzjoni kienet "timpingi" fuq l-investigazzjonijiet peress illi, kif qal huwa stess, "ir-rigal inghata ftit tal-granet jew ftit tal-gimghat wara illi l-Ministru kellu u ha r-responsabbilta' tal-Energija fil-pajjiz".

Jirrizulta illi, ghal dawna l-allegazzjonijiet, l-kwerelant Tonio Fenech sahaq is-segwenti:

> *"L-ewwel nett, jiena mal-ewwel chadt b'mod kategoriku, assolutament li lilu George Farrugia qatt taghni xi rigal li jiswa €5,000 u jien illum ser niftah kwerela propjru kontra l-Onor Chris Cardona u l-Onor Evarist Bartolo illi ghamlu din l-allegazzjoni, li jien ma nistax nifhem min fejn harget din l-informazzjoni."*

Jirrizulta illi fuq kumment ta' Dr Cardona li qal fil-konfront ta' Tonio Fenech

> *" ... pero li inghata ir-rigal ma jistax jichada"*

Tonio Fenech irrisponda billi qal

> *"Nichadha"*

Jirrizulta illi, ghal darba ohra, fuq domandi illi sarulu, Tonio Fenech qal

> *"Jiena nergga nafferma b'mod car, jiena George Farrugia qatt ma taghni rigal"*

Jirrizulta, izda, illi l-istess Tonio Fenech zied jghid illi attwalment kellu arlogg malti, maghrufa bhala 'arlogg ta' Malta', kif definih Pierre Portelli waqt il-program TVAM fejn sar id-dibattitu, liema arlogg ma kienx jiswa €5,000 u liema arlogg ma inghatax lilu minn George Farrugia, kif kienu qed jallegat il-Partit Laburista u Dr Chris Cardona.

Jirrizulta illi dana kollu intqal waqt il-programm televiziv illi dwaru qed issir il-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, fix-xhieda illi l-kwerelant **Tonio Fenech** ghamel quddiem dina l-Qorti, illi attwalment, kif stqarr l-istess kwerelant, kien inghatalu arlogg Malti mahdum lokalment u mhux antik, liema arlogg kien inghatalu minn Ray Farrugia, illi kien jigi hu George Farrugia, u liema arlogg kien inhadem minn mart Ray Farrugia, ossija Ines Farrugia.

Jirrizulta wkoll, fix-xhieda ta' l-istess kwerelant, illi huwa ma setax jiftakar ezattament meta rcieva tali rigal, izda sahaq illi ma kienx Ministru tal-Energija meta rcieva tali rigal, filwaqt illi insista wkoll illi r-rigal inghatalu minn Ray Farrugia u George Farrugia ma kienx presenti meta nghaddilu r-rigal.

Jirrizulta ukoll, mill-istess xhieda tal-kwerelant, illi huwa hassu malafamat mhux ghax semmew ir-rigal, izda ghax qalu illi r-rigal kien jiswa €5,000 u li kien inghatalu minn George Farrugia.

Jirrizulta, di fatti, illi wara il-programm televiziv fuq imsemmi, kif jistqarr il-kwerelant stess, huwa mar ghand il-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jitolbu jinvestiga dawna l-allegazzjonijiet u il-Kummissarju tal-Pulizija kkonfermalu li kien jaf b'tali informazzjoni u di fatti, sussegwentement, dahhal lill George Farrugia sabiex jigi kkonfrontat.

Jirrizulta illi fuq domanda illi saritlu dwar ir-rigal illi inghatalu, il-kwerelant Tonio Fenech qal is-segwenti:

> *Qed nigi mistoqsi allura jekk rajthiex stramba illi persuna li ma' nafhiex qabdet u gabitli arlogg, jiena nghid illi Ray Farrugia jiena kont nafu fil-kamp ghax kien involut fil-Partit Nazzjonalista. Kien attwalment prezenti ghall-attivita' tal-Partit Nazzjonalista' u jiena kont nafu bhala d-Direttur tal-John's Garage u dana kien qalli li l-mara tieghu kienet xtaqet, kienet tammirani u kienet xtaqet tghaddili arlogg u jiena dak il-hin ma' tantx tajt kaz dwarha u ghidtlu li m'ghandix bzonn dan it-tip ta' rigali, izda madanakollu xorta wahda xi ftit jiem wara gabuli dan l-arlogg in kwistjoni*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, fix-xhieda ta' **John Rizzo**, dak iz-zmien Kummissarju tal-Puluzija, illi l-kwerelant kien gharrfu bl-allegazzjonijiet illi kienu qed isirulu, u gharrfu illi huma kienu gia a korrent ta' tali fatti.

Jirrizulta, mill-istess xhieda tas-Sur Rizzo illi

> *tul l-investigazzjoni tas-sur George Farrugia fost affarijiet ohra kien qallilna dwar id-diversi rigali maz-zminijiet illi hu flimkien ma' hutu kienu taw lil diversi persuni bil-kumpanija Power Plan taghhom.*

Jirrizulta ukoll illi skond l-investigazzjonijiet illi kienu ghamlu l-Pulizija sakemm is-Sur Rizzo kien ghadu Kummissarju tal-Pulizija,

> *Jiena rrizultali li l-kumpanija Power Plan li kienet kumpanija ta' George Farrugia u l-ahwa tieghu kienu nvoluti fix-xiri taz-zejt, u agenzija ghal kumpanija taz-zejt. Jiena gejt infurmat illi l-ispejjez ta' dawn l-arloggi thallsu minn din il-kumpanija Power Plan li ghadni kif semmejt issa. L-ewwel darba li sirt naf dwar dan ir-rigal kien meta jiena kont qieghed nikkonduci l-investigazzjoni tax-xiri taz-zejt li kienet inqalghet qabel.*

Jirrizulta wkoll illi, meta l-Puluzija saru jafu b'tali rigal moghti lill-kwerelant Tonio Fenech, huma ghazlu illi ma jipprocedux kontra tieghu, u ghal dak s-Sur Rizzo jghid

> *Jien ghandi nghid illi l-passi ma' ttiehdux ghax dana George Farrugia jghid illi bl-ebda mod ma' dan l-arlogg inghata lil Tonio Fenech b'sens ta' korruzzjoni izda kien inghatalu unikament bhala rigal.*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi **George Farrugia**, meta xehed quddiem dina l-Qorti, ikkonferma illi huh Ray Farrugia, li kien involut mieghu fil-kumpannija Powerplan Limited, kien talbu sabiex jakkumpannjah ghand il-kwerelant, Tonio Fenech.

Jirrizulta illi l-istess George Farrugia kien stqarr illi huwa ma kienx jaf li kienu ser jaghtu arlogg lill kwerelant. Madanakollu, huwa zied jghid dan:

> *Jien ghandi nghid illi fil-karozza qalli illi l-mara tieghu kienet ghamlet arlogg u riedet tirregahulu l-mara ta' hija. Jien ghandi nghid li in fatti jiena kont mort ma' hija Ray, erfajtu jien dan l-arlogg, u tellajtu fir-residenza ossija fil-flat li kellu dak iz-zmien u dan l-arlogg kien mghotti b'lizar. Jiena kont naf illi Inez kienet qed titghallem taghmel l-arloggi. Ghandi nghid li ghal dan l-arlogg sar hlas u l-hlas sar mill-kumpanija mill-Power Plan. Jien ghandi nghid illi dak iz-zmien, anke jien kont involut fil-kumpanija Power Plan.*

Jirrizulta wkoll illi l-istess George Farrugia sahaq illi, ghalkemm Ray Farrugia kien involut fil-kumpannija Power Plan Limited, illi kienet kumpannija involuta fiz-zejt, kien George Farrugia li jmexxi l-attivitajiet kollha ta' Power Plan Limited. Di fatti jghid:

> *qed nigi mistoqsi x'konna naghmlu jiena u hija Ray fil-kumpanija Power Plan. Nghid li jiena kont immexxi l-kumpanija Power Plan. Hija ma' kienx involut fil-kumpanija Power Plan. Kien involut f'kumpanija ohra, fis-sens illi ma' kienx involut fid-day-to-day running tal-Power Plan. Jien ghandi nghid li dak iz-zmien hija kien Managing Director tal-Group of Companies kollha li kellna ahna bhala ahwa u kien iktar involut fil-Management tal-kumpanija 'Sunrays' u 'John's Garage'. Il-kumpanija Power Plan hija kumpanija nvoluta fiz-zejt. Nikkonferma li nghatatli mahfra Presidenzjali lili. Jiena nikkonferma li sa fejn naf jien persuni ohra li nghataw rigali minghandna fosthom trays tal-fidda u affarijiet ohra, ttiehdu proceduri kriminali kontra taghhom. Jiena ghandi nghid li d-dish tal-fidda li mhux mertu tal-kawza izda kien thallas ukoll mill-Power Plan.*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, skond ix-xhieda ta' **Ines Farrugia**, illi l-arlogg illi inghata b'rigal lill-kwerelant Tonio Fenech, kien arlogg illi hadmet personalment hija stess fuq talba tar-ragel taghha, Ray Farrugia, wara illi, f'riceviment tal-Milied, kemm hi w ir-ragel kienu ltaqghu mal-kwerelant Tonio Fenech illi kien urihom l-interess tieghu ghall affarjiet mahdumin lokalment.

Jirrizulta, dejjem skond l-istess xhieda taghha, illi dana l-arlogg kien jiswa madawar hames mitt Liri Maltin, ossija aktar minn elf Euro, fuq is-suq lokali, u flimkien ma' dana l-arlogg kienet ghamlet zewgt arloggi ohra illi inghaddew lill-Partit Nazzjonalista sabiex ikunu jistghu jinbieghu.

Jirrizulta wkoll illi Ines Farrugia sahqet illi, ghalkemm kien ir-ragel taghha li talabha sabiex taghmel arlogg ghall-kwerelant Tonio Fenech, hija wkoll riedet taghtih arlogg rigal peress illi kienet tammirah.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, skond ix-xhieda ta' **Raymond Farrugia**, illi wara riceviment fejn il-kwerelant Tonio Fenech kien wera l-interess tieghu fl-arloggi, hu w martu iddecidew illi jaghtuh arlogg bhala rigal u ta' dan huwa kien gharraf ukoll lill huh George Farrugia, fejn talbu sabiex jghinu finanzjarjament billi l-arlogg jithallas minn Powerplan Limited, ghal liema ghajnuna George Farrugia, wara li tkellem ma' hutu, qabel.

Jirrizulta illi, dejjem skond Raymond Farrugia, huwa talab lill George Farrugia jigi mieghu u, mistoqsi ghaliex, huwa sahaq illi:

> *peress li ahna fil-business u qeghdin hafna ahwa, jiena biex nuri li attwalment dak li kien, kellu isir attwalment isir, kont niehu hsieb li jigi xi haddiehor mieghi halli jigi assikurat li jara illi dak sar.*

Jirrizulta illi l-istess Raymond Farrugia ikkonferma illi George Farrugia kien attwalment mar mieghu u, dwar dan huwa jghid:

> *Qed nigi mistoqsi jekk attwalment jiena hadtx lil George Farrugia mieghi sabiex inlaqqghu mal-Onorevoli Tonio Fenech, nghid illi ma' kien hemm xejn hazin illi jiena nlaqqghu mieghu. Jien ghandi nghid li hadt lil George Fenech kemm biex igorr l-arlogg peress illi jien kelli dahri jugghani dak iz-zmien kif ukoll biex inlaqqghu mal-Onorevoli Tonio Fenech.*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, fix-xhieda ta' **Dr Chris Cardona**, illi l-Partit Laburista kellu informazzjoni illi lill-kwerelant Tonio Fenech, li dak iz-zmien kien Ministru, inghatalu rigal ta' arlogg, liema rigal kien inghatalu minn George Farrugia.

Jirrizulta illi Dr Cardona hass illi dina l-informazzjoni kellha tinghata u dana peress illi sahaq li:

> *Dan il-kumment politiku li jiena ghamilt kont ghamiltu bhala kumment politiku ghal ragumi semplici illi hassejt id-dmir illi nikkumenta dwar dan peress illi dan ma kienx l-ewwel darba li l-Onorevoli Tonio Fenech kien qed jigi akkuzat talli kiser l-kodici ta' l-etika. Tant hu hekk illi ftit xhur qabel kienet harget storja ohra fejn kien qed jinghad illi l-istess Onorevoli Tonio Fenech kien mar fuq private jet flimkien ma' zewg negozjanti maghrufa u flimkien ma' membri tal-familja tieghu sabiex imur jara loghba.*

Jirrizulta wkoll illi l-kwerelat Dr Chris Cardona kien sorpriz hafna bil-fatt illi l-kwerelant Tonio Fenech kien qieghed jichad kollu, u di fatti qal is-segwenti:

> *Nixtieq nghid illi li kont sorpriz hafna kien illi fil-programm iniffsu li sar dak inhar stess Tonio Fenech baqa' jinnega u jichad li hu qatt ircieva xi rigal, izda sussegwentement fil-proceduri quddiem din il-Qorti ftakar illi attwalment kien minnu illi kien iricieva rigal. Nixtieq nghid illi wkoll waqt il-programm ma ftakarx illi kien George Farrugia personalment illi kien tah ir-rigal u ma ftakarx ukoll illi ftit gimghat jew xhur qabel kien iddiskuta din il-kwistjoni wkoll ma' Ray Farrugia li jigi huh u ma' Inez Farrugia li tigi l-mara ta' Ray Farrugia.*

Jirrizulta, finalment, illi l-kwerelat Dr Cardona, ma kienx a korrent ta' kemm kien jiswa dana ir-rigal, liema rigal kien jaf illi hwa arlogg tal-Lira u li ghalhekk, jekk originali, jiswa hafna flus, kif ammess anke mill-kwerelant stess fix-xhied tieghu (fol 22), u ta' dan Dr Cardona qal is-segwenti:

> *Dwar il-valur ta' hamest elef ewro li issemma' u li jekk jiena attwalment kontx qed naghmel enfasi fuq il-valur jew le, nghid li jiena ghalija kienet immaterjali l-valur ta' l-oggett per se; ir-raguni kienet illi l-focus tal-kumment politiku tieghi kien illi s-sur Fenech illi dak iz-zmien kien Ministru kien ircieva rigal li kellu valur sostanzjali; ma qaghadtx noqghod nidhol fid-dettal dwar kemm kien jiswa; u ghalija kien kumment politiku ghal raguni semplici illi dina kienet it-tieni istanza fejn l-Onorevoli Fenech kien kiser il-kodici ta' l-etika li torbot lill-Ministri u s-Segretarji Parlamentari.*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta ampjament ippruvat illi l-program TVAM li ttella fit 22 ta' Frar 2013 kien ittella f'periodu fejn kien hemm dibattitu politiku qawwi hafna, u dana bhala rizultat tal-fatt illi kien hemm l-Elezzjonijiet Generali fid 9 ta' Marzu 2013.

Kif intqal mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza **Bowman v. The United Kingdom** deciza fid-19 ta' Frar 1998

> *"42. Free elections and freedom of expression, particularly freedom of political debate, together form the bedrock of any democratic system. The two rights are inter-related and operate to reinforce each other: for example, as the Court has observed in the past, freedom of expression is one of the 'conditions' necessary to 'ensure the free expression of the opinion of the people in the choice of the legislature'. For this reason, it is particularly important in the period preceding an election that opinions and information of all kinds are permitted to circulate freely"*

Fil-kawza **Lindon Otchakovsy-Laurens and July vs France**, deciza mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fit 22 ta' Ottubru 2007, intqal is-segwenti:

> *45. Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". As set forth in Article 10, this freedom is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly.*
>
> *46. There is little scope under Article 10 § 2 of the Convention for restrictions on freedom of expression in the area of political speech or debate – where freedom of expression is of the utmost importance.*
>
> *Furthermore, the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance.*

Finalment, kif osservat dina l-Qorti fil-kawza '**Jesmond Mugliette vs Dr Alfred Sant**' Avviz 39/08 deciza fl-10 ta' Marzu 2014 u mhux appellata,

> *Din il-Qorti thoss illi wasal il-mument illi tali regola* (ta' kritika politika) *titwessa aktar fis-sens illi meta jkun hemm dibattitu politiku ghaddej bejn politici, tali livell ta' kritika ghadha interpretata f'livell aktar wiesgha minn dak ipprovdut hawn fuq, peress illi d-dibattitu politiku huwa l-pern ta' socjeta demokratika u, ghalhekk ghandha tigi protetta u stimulata minn dina l-Qorti u mhux imxekkla fl-operat taghha.*

**Ikkunsidrat**

Mill-provi kollha kif prodotti, jirrizultaw ampjament ippruvati s-segwenti fatti:

- Il-kwerelant Tonio Fenech kien Membru tal-Parlament elett mill-poplu sabiex jirrappresentah u Ministru tal-Gvern tal-gurnata meta inghata arlogg Malti, maghruf ukoll bhala 'Arlogg tal-Lira', bhala rigal

- Il-kwerelant Tonio Fenech kien Ministru tal-Finanzi u sussegwentement sar Ministru tal-Energija, ghalkemm ma huwiex daqstant car liema dikasteru kellu meta inghata l-arlogg.

- L-arlogg illi inghata rigal kien inbena minn Ines Farrugia, li tigi il-mara ta' Raymond Farrugia, li huwa hu George Farrugia, li kien il-persuna li inghatatilha l-Mahfra Presidenzjali mill-Gvern li fih l-kwerelant Tonio Fenech kien Ministru u li kienet tirrigwarda skandlu ta' korruzzjoni fil-qasam taz-zejt.

- L-arlogg kien gie kummissjonat lill Ines Farrugia minn Raymond Farrugia wara illi dana kkonsulta ma' George Farrugia.

- L-arlogg kien stmat li jiswa fuq is-suq mal-hames mitt Liri Maltin (Lm500) ossija madwar ftit anqas minn elf u mitejn euro (€1,200), kif stqarret Ines Farrugia, izda arlogg antik u originali jista jiswa hamest elef Euro u aktar, kif ammess mill-kwerelant Tonio Fenech.

- Inez Farrugia thallset talli bniet l-arlogg illi inghata bhala rigal lill-Tonio Fenech, u hija thallset mill-kumpannija Powerplan Limited.

- Il-kumpannija Powerplan Limited kienet kumpannija tal-ahwa Farrugia, fosthom George u Raymond Farrugia, u kienet kumpannija illi tahdem fil-qasam taz-zejt, liema kumpannija kienet immexxija minn George Farrugia.

- Il-kumpannija Powerplan Limited kienet involuta fil-kaz ta' l-iskandlu taz-zejt.

- George Farrugia, flimkien ma' Ray Farrugia, marru fid-dar privata tal-kwerelant Tonio Fenech, sabiex jaghtuh ir-rigal, ossija Arlogg, liema arlogg, li kien mghotti b'lizar, ingarr u ttella minn George Farrugia fid-dar privata ta' Tonio Fenech, peress illi Raymond Farrugia jikkontendi illi kellu daru jughgaw dakinhar.
- Ray Farrugia kien ha lill George Farrugia mieghu sabiex juri lill hutu kollha illi r-rigal kien attwalment inghata lill Tonio Fenech kif ukoll sabiex ilaqqa' lill-istess George Farrugia ma' Tonio Fenech.

**Ikkunsidrat**

Mill-fatti kif fuq kollha stabbiliti, l-Qorti ma tarax kif l-kwerelant Tonio Fenech jista jhossu malafamat b'fatti illi huma kollha sostanzjalment veri, salv il-valur tar-rigal.

Il-Qorti tosserva illi, ghalkemm il-kwerelant jishaq illi l-valur tar-rigal indikat mill-kwerelat kien wiehed illi seta jwassal f'imhuh in-nies illi l-kwerelant seta kien involut f'korruzzjoni, il-valur tar-rigal ma kienx wiehed irrizorju, kif ipprova jaghti x'jifhem il-kwerelant.

Il-Qorti tosserva wkoll illi, fil-mument illi l-kwerelant ircieva r-rigal, huwa kien Membru tal-Parlament u, aktar u aktar, membru fdat mill-Prim Ministru tal-gurnata, tant illi kien appuntat Ministru tal-Finanzi u, sussegwentement, tal-Energija.

Finalment, il-Qorti tosserva illi Dr Chris Cardona, bhala Membru tal-Parlament fl-Opposizzjoni, kellu mhux biss id-dritt izda, aktar u aktar, id-dover illi jgharraf lill-poplu b'dik l-informazzjoni kollha illi kien jaf dwarha, u l-fatt li tali informazzjoni ma kienetx daqstant ezatta fejn jidhol il-valur tar-rigal, ghalkemm ma kienetx daqstant esagerata, ma ghandu bl-ebda mod jitqies bhala raguni sabiex jinstab hati kriminalment talli wegga u mmalafama lill-kwerelant Tonio Fenech.

Jirrizulta ampjament ippruvat illi l-fatti kollha huma sostanzjalment veri u ghalhekk ma jistghux jitqiesu bhala libelluzi u malafamanti fil-konfront tal-kwerelant Tonio Fenech.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi semghet il-provi kollha prodotti u t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

Tillibera lill-kwerelat Dr Chris Cardona, mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur